



# EUPL

European Union Public Licence

v.1.1

## Linji gwida għall-utenti u l-iżviluppaturi



Dawn il-linji gwida tħejjew mill-konsorzu tal-OSOR:



**Awtur:**

Patrice-Emmanuel Schmitz

## **Dikjarazzjoni ta' Ċaħda ta' Responsabbiltà**

Il-fehmiet espressi f'dan id-dokument mhuma xejn għajr dawk tal-awturi u ma jistgħux, fi kwalunkwe ċirkostanza, jiġu interpretati daqslikieku qiegħdin jinterpretaw xi pożizzjoni ufficijal tal-Kummissjoni Ewropea.

Il-Kummissjoni Ewropea ma tiggarantix li l-informazzjoni li tinsab f'dan l-istudju hija preċiża, u lanqas ma terfa' responsabbiltà għall-użu li jsir minnha. Kwalunkwe referenza li ssir għal prodott, spċifikazzjoni, proċess, jew servizz spċifiku li jissemma f'dan id-dokument permezz ta' isem kummercjal, trademark, produttur, jew inkella mod ieħor mhux bilfors tikkostitwixxi jew timplika li l-Kummissjoni Ewropea qiegħda tappovahom, tirrakkommandahom jew tagħtihom vantaġġ.

L-awturi ħadu ġsieb iġib, fejn meħtieġ, il-permess sabiex jużaw kwalunkwe partijiet tal-manuskritti inkluż illustrazzjonijiet, mapep u graffs mingħand id-detenturi titolari jew mingħand ir-rappreżentanti legali tagħhom li digħi għandhom id-drittijiet tal-proprjetà intellettwali fuqhom.

### **Drittijiet tal-awtur:**

Id-drittijiet tal-awtur ta' dan ir-rapport, mogħtija fl-2007 u l-2009, huma f'idejn il-Komunità Ewropea (© 2007 u 2009).

Tista' ssir kopja ta' dan id-dokument, għajr għal fini kummerċjali, dejjem jekk is-sors jiġi rikonoxxut.

# Werrej

<b>1. GĦALFEJN JEŻISTU DAWN IL-LINJI GWIDA?</b>	<b>3</b>
<b>2. MIN GĦANDU JAQRA DAWN IL-LINJI GWIDA?</b>	<b>4</b>
<b>3. L-UŻU TAS-SOFTWER LIĊENZJAT TAĦT L-EUPL</b>	<b>5</b>
3.1. IFHEM IL-PRINCIPI TAL-GĦOTI TAL-LIĊENZJI.....	5
3.2. IFHEM IL-PRINCIPI TAL-F/OSS.....	5
3.3. L-UŻU TAL-KODIĊI LIĊENZJAT TAĦT L-EUPL: ID-DRITTIIJET U L-OBBLIGI TIEGħEK.....	7
3.3.1. <i>Id-drittijiet tiegħek huma mfissrin fl-Artikolu 2 tal-EUPL:</i> .....	7
3.3.2. <i>L-obbligi tiegħek huma mfissa fl-Artikoli 5 u 6 tal-EUPL:</i> .....	8
3.4. X'GĦANDEK TISTENNA MINN SOFTWER LI JKUN LIĊENZJAT TAĦT L-EUPL? .....	11
3.5. GARANZIJI, RESPONSABBILTÀ, LIĠI APPLIKABBLI .....	12
3.6. IKTAR ŻVILUPP U UŻU MA'SOFTWER IEĦOR .....	13
3.7. L-EUPL JISTA' JIĠI MODIFIKAT? .....	13
<b>4. IR-RILAXX TAS-SOFTWER TIEGħEK TAĦT L-EUPL</b>	<b>14</b>
4.1. PREREKWIŻITI.....	14
4.2. EŻAMINA T-TITOLU U D-DPI FUQ IS-SOFTWER TIEGħEK .....	14
4.3. L-APPLIKAZZJONI TAL-PRINCIPI TAL-F/OSS (BIEX TINBENA KOMUNITÀ) .....	15
4.4. GHALIEK HIJA IMPORTANTI LIĊENZJA? .....	15
4.5. ID-DEĊIJONI LI TIPPUBBLIKA SOFWER TAĦT LIĊENZJA TAL-F/OSS .....	16
4.6. ID-DEĊIJONI LI TAGħżel L-EUPL BĦALLA LIĊENZJA .....	16
4.7. JEĦTIEĠ LI TIRREFERI GĦAL-LIĊENZJA FIL-KODIĊI TAS-SORS .....	16
4.8. L-AĦJAR PRATTIKI DWAR “L-ISTABBILIMENT” TA’ KUNTRATT BL-EUPL .....	19
4.9. MHEMMX BŻONN TIRREĞSITRA L-QBIL TAL-APPROVAZZJONI TAD-DETENTUR TAL-LIĊENZJA... .....	19
4.10. BANK TAD-DEJTA FEJN IL-KODIĊI TAS-SORS GĦANDU JKUN DISPONIBBLI .....	20
4.11. KIF U FEJN SE TIKKOMMUNIKA D-DEĊIJONI TIEGħEK? .....	20
<b>5. L-IŻVILUPP JEW L-INTEGRAZZJONI TAS-SOFTWER MAL-LIĊENZJA EUPL</b>	<b>21</b>
5.1. IL-PRINCIPI TAL-IŻVILUPP TAL-F/OSS .....	21
5.2. KIF L-EUPL TĦALLIK TINTEGRA U TGĦAQQAD IS-SOFTWER .....	21
5.3. GĦALFEJN L-INTEGRAZZJONI HIJA UTLI - GĦALFEJN IL-LIĊENZJI JISTGĦU JILLIMITAW L-INTEGRAZZJONI .....	22
5.4. KWISTJONIJET SPEĊIFIċI DWAR L-EUPL .....	22
5.5. KOMPATIBBILTÀ MA' LIĊENZJI OĦRA .....	22
5.6. IT-TAGħqid TA' XOGħLJINET LI JKOLLHOM LIĊENZJI DIFFERENTI .....	23
5.7. IMPATT TAL-KLAWŻOLA DWAR IL-KOMPATIBBILTÀ TAL-EUPL DWAR IL-KUNDIZZJONIJET TAL-GĦOTI TAL-LIĊENZJA TA' XOGħOL IEĦOR .....	24
<b>6. VERŻJONIJET ġODDA TAL-EUPL</b>	<b>25</b>
<b>7. KONKLUŻJONIJET</b>	<b>26</b>

# Kif tuża l-EUPL?

## Linji gwida għall-utenti u l-iżviluppaturi

### 1. Għalfejn jeżistu dawn il-linji gwida?

Dawn il-Linji Gwida Prattiċi se jipprovdu informazzjoni dwar:

- kif tuża s-softwer imqassam taħt “il-Liċenzja Pubblika tal-Unjoni Ewropea” (EUPL) skont l-aħħar ħarġa tagħha v. 1.1, u
- kif tuża din il-liċenzja għat-tqassim tas-softwer tiegħek stess.

Filwaqt li dawn il-linji gwida jistgħu jkunu tweġiba għall-mistoqsija “X’inhi l-EUPL?”, għandhom fuq kollox jinvestigaw kemm jistgħu jkunu utli għalik, skont ir-rwol li għandek: bħala proprjetarju tas-softwer, awtur (il-konċedent tal-liċenzja) jew utent.

Wieħed mill-prinċipji fundamentali tas-“Softwer Ħieles jew b’Sors Miftuħ” (F/OSS), huwa l-użu ta’ dan l-istess softwer minn aktar minn utent wieħed; huwa wieħed mill-iktar modi effiċċenti ta’ kif wieħed iżid l-użu ta’ dan is-softwer, isaħħaħ il-kwalitā tiegħu (jippermetti li żviluppaturi oħra jiċċekkjawh, itejbuh jew iżidlu l-funzjonalitajiet) u jiffranka l-spejjeż billi jevita li jkollu jerġa’ jivvinta s-softwer mill-ġdid.

Din il-proċedura għiet irrakkommandata lill-amministrazzjonijiet pubbliċi, bi qbil assolut bejn il-ministri Ewropej responsabbli mill-politika tas-servizzi tal-Gvern elettroniku<sup>1</sup>

**Dikjarazzjoni Ministerjali** approvata unanimament fl-24 ta’ Novembru 2005 f’Manchester, ir-Renju Unit (<http://archive.cabinetoffice.gov.uk/egov2005conference/documents/proceedings/pdf/051124declaration.pdf>).

Madankollu, meta wieħed joħloq softwer, ikun qiegħed joħloq proprietà. Jekk l-awtur tas-softwer ikun impiegat jew uffiċjal ta’ amministrazzjoni pubblika, x’aktarx li din l-amministrazzjoni jkollha t-titolu għal dan is-softwer li jkun inħoloq. Jekk l-awtur ikun kuntrattur tal-amministrazzjoni pubblika, x’aktarx li l-kuntratt ta’ servizz jagħti lil din l-amministrazzjoni t-titolu sħiħ, inkluż l-eżerċizzju tad-drittijiet kollha meħmużin mad-drittijiet tal-awtur (dan il-punt għandu bżonn ikun iċċekk jaġi analizzat kull kunkrott ta’ servizz spċificu bejn l-amministrazzjoni u min jipprovdilha s-softwer). Is-softwer tal-komputer huwa protett mil-liġi tad-drittijiet tal-awtur. Il-liġi tad-drittijiet tal-awtur lill-proprietarju tagħti ġerti drittijiet fuq xogħlu, u għalhekk minn juża dan ix-xogħol jew jagħmel xi adattament tiegħu daqslikieku kien proprjetà tiegħu - mingħajr ma jkun inħariġlu permess spċificu jew ingħatatlu “Liċenzja”, ikun qed jikser il-liġi.

Għalhekk, sabiex wieħed ikun jista’ jiffaċilita l-użu tas-softwer minn iktar minn utent wieħed, l-użu mill-ġdid u t-titjib tas-softwer, il-Kummissjoni Ewropea ħolqot l-EUPL bil-għan li tipproteġi kemm l-interessi tal-awturi (billi tħarsilhom drittijiet kollha li jingħataw permezz tal-liċenzji għall-F/OSS: jiġifieri l-użu, il-modifikazzjoni u t-tqassim mill-ġdid).

Il-ħolqien tal-EUPL kien riżultat ta’ proċess uniku. L-ebda amministrazzjoni pubblika tad-daqqs tal-Kummissjoni Ewropea qatt qabel kienet ippubblikat liċenċja għall-F/OSS, jew



iddeterminat l-użu tal-liċenzja għall-F/OSS b'mod sistematiku. Din il-liċenzja hija riżultat ta' tliet snin ta' studju u analiżi ta' bosta liċenzji eżistenti għall-F/OSS, li kien wera biċ-ċar li kien għad hemm bżonnijiet li għadhom ma ġewx indirizzati mil-liċenzji eżistenti. Ingħataw tliet pariri legali. Il-Kummissjoni Ewropea organizzat forum pubbliku u konferenza internazzjonali tal-avukati. F'Jannar 2007, il-Kummissjoni Ewropea fl-aħħar approvat l-EUPL v.10 (bl-Ingliż, bil-Franċiż u bil-Ġermaniż). Din id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea, it-tieni deċiżjoni f'Jannar 2008 (meta approvat l-EUPL v.1.0 fi 19-il lingwa oħra) u t-tielet Deċiżjoni f'Jannar 2009, meta introduċiet xi kjarifikazzjonijiet fit-test tal-liċenzja fil-verżjonijiet tal-lingwi kollha (l-EUPL v.1.1) huma marbutin mal-motivazzjoni li ġejja:

- L-EUPL kellha tkun legalment valida fil-lingwi uffiċjali kollha tal-Unjoni Ewropea, fir-rigward tal-prinċipju tad-diversità lingwistika, kif inhu rrikonoxxut permezz tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea;
- L-EUPL kellha tqis l-ispeċifiċità u d-

diversità tal-Liġi tal-Istati Membri u tal-Liġi tal-Komunità (it-terminoloġija tad-drittijiet tal-awtur, l-informazzjoni, il-garanzija, ir-responsabbiltà, il-liġi applikabbi u l-ġurisdizzjoni);

- L-EUPL għandha tīgħura li l-kwistjonijiet li għandhom x'jaqsmu mal-veloċitā tat-trasferiment tad-dejta jkunu kompatibbli mal-liċenzji l-iktar rilevanti.

L-EUPL hija “għoddha legali” li digħi tintuża mill-Kummissjoni Ewropea sabiex tqassam is-software u li tista’ tintuża wkoll minn bosta oħrajn li jipprovdus s-software, inkluż l-amministrazzjonijiet pubbliċi li hemm fl-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea.

L-ġħan ta’ dawn il-linji gwida huwa li jagħtuk - skont ir-rwol tiegħek – kjarifikazzjonijiet u tweġibiet konkreti għall-mistoqsjiet possibbi li jista’ jkollok int u tuża l-EUPL sabiex tqassam is-software jew sabiex tuża s-software li għandek il-liċenzja tiegħi jew sabiex tuża dan is-software liċenzjat taħt l-EUPL.



## 2. Min għandu jaqra dawn il-linji gwida?

Il-Linji gwida huma maħsuba għal dawk li:

- Jixtiequ jużaw is-software li ġie ippublikat taħt il-EUPL;
- Għandhom id-drittijiet tas-software u qed jikkunsidraw il-EUPL bħala l-liċenzja magħżuġa għad-distribuzzjoni tal-istess software;
- Għadhom kemm bdew jiżvilluppaw software, jistgħu jintegraw is-software ippublikat taħt il-EUPL u jixtiequ jirrilaxxa l-prodott taħt il-EUPL jew liċenzja oħra taħt il-F/OSS

Il-Linji gwida huma immirati lil-partijiet interessati li ġejjin:

- Servizzi tal-Kummissjoni Ewropea, meta jieħdu d-deċiżjoni li jiddistribwixxu software huma stess taħt liċenzja tal-F/OSS;

- L-awtoritajiet tas-settur pubbliku meta jiddeċiedu li jużaw l-EUPL biex iqassmu software tagħhom stess bħala F/OSS;
- Il-partijiet interessati l-oħra kollha li jixtiequ jużaw il-EUPL biex iqassmu x-xogħlijiet tagħhom:dawn jinkludu l-intrapriżi tas-settur privat jew l-awturi individwali. Għalkemm speċjalment adattata għall-qafas legali Ewropew, il-EUPL tista’ tintuża wkoll minn awturi li jinsabu barra l-Unjoni Ewropea;
- L-iżviluppaturi kollha jew l-utenti (il-korpi jew persuni naturali), li potenzjalment jistgħu jużaw xogħol ippublikat taħt il-EUPL

## 3. L-użu tas-softwer liċenzjat taħt l-EUPL

### 3.1. Ifhem il-prinċipji tal-għoti tal-liċenzji

Meta wieħed jikteb softwer, il-proprietà intellettwali li tirriżulta hija protetta mil-liġi tad-drittijiet tal-awturi, daqslikieku kienet xogħol letterarju jew artistiku.

Il-liġi tad-drittijiet tal-awturi tagħti ċerti drittijiet lil min għandu t-titolu tax-xogħol, u tiffissa limiti legali dwar kif ħaddieħor jista' jagħmel użu minn dak ix-xogħol. Id-drittijiet tal-awturi joriġinaw billi jkunu protetti x-xogħlilijiet miktuba, u jkun għaqli li wieħed iżomm f'moħħu li l-liġi tad-drittijiet tal-awturi tqis is-softwer tal-komputer u kwalunkwe materjal assoċjat miegħu bħala tip ta' xogħol letterarju.

Li wieħed ikollu d-drittijiet tal-awturi fuq biċċa xogħol, ifisser li l-proprietarju, ġeneralment l-awturi oriġinali jistgħu jikkupjawh, jadattaww u jqassmu. Il-proprietarju biss, b'mod awtomatiku, jista' jagħmel dan. Min jikkopja,

ibiddel jew iqassam ix-xogħol ta' ħaddieħor mingħajr permess jista' jkun soġġett għal azzjoni legali.

Il-proprietarju jista' jagħti permess lil ħaddieħor sabiex jikkopja, ibiddel, jew iqassam ix-xogħol permezz ta' liċenzja, bħall-EUPL.

Din it-tip ta' liċenzja (kif inhi l-EUPL) għandha titqies bħala kuntratt bejn **il-Konċedent tal-Liċenzja** (l-awturi tas-softwer) u **d-Detentur tal-Liċenzja** (int, l-utent tas-softwer, li tkun tista' imbagħad tużah skont it-termini tal-liċenzja). Kun af li jekk ma taqbilx mat-termini ta' din il-liċenzja, normalment ma jkollok id-dritt li tuża, tikkopja, tbiddel jew tqassam is-softwer. Jekk tagħmel dan mingħajr ma tkun qbilt mat-termini ta' din il-liċenzja, tkun qed tikser il-liġi tad-drittijiet tal-awturi.



### 3.2 Ifhem il-prinċipji tal-F/OSS



L-EUPL v1.1 hija liċenzja għal Softwer Ħieles/b'Sors Miftuħ (Free/Libre/Open Source Software, F/OSS). F'Marzu 2009, l-OSI - l-Inizjattiva tas-Sors Miftuħ - iċċertifikat din il-liċenzja bħala liċenzja b'sors miftuħ minħabba li tissodisfa t-termini tad-Definizzjoni tas-Sors Miftuħ (l-OSD). Il-liċenzja tissodisfa wkoll il-kundizzjonijiet li stipulat il-Fondazzjoni tas-Softwer Ħieles (il-FSF) li fil-qosor jiżguraw li d-detentur tal-liċenzja jgawdi minn erba' libertajiet ewlenin:

- Il-libertà li wieħed jikseb il-Kodiċi tas-Sors (sabiex jistudja kif jaħdem is-softwer).

softwer għal kwalunkwe għan u għadd ta' utenti;

- Il-libertà li wieħed juża l-kopji tas-softwer bejn iktar minn utent wieħed u li jergħa jqassam mill-ġdid dawn l-istess kopji;
- Il-libertà li wieħed jimmodifika, jadatta, itejjeb is-softwer skont il-bżonnijiet speċifiċi u li jaqsam dawn il-modifikasi mal-oħrajn.

L-Inizjattiva b'Sors Miftuħ (l-OSI) (ara: [www.opensource.org/docs/definition.php](http://www.opensource.org/docs/definition.php)) stabbiliet għaxar prinċipi tal-OSD li kwalunkwe liċenzja “b'Sors Miftuħ” għandha tkun konformi magħħom:

#### Tqassim mill-ġdid b'xejn

“Il-liċenzja m'għandhiex iżżomm xi parti mill-tbiegħ jew tagħti b'xejn, is-softwer bħala



*komponent ta' tqassim ta' ħafna softwer flimkien li jkun fihom programmi minn bosta sorsi differenti. Il-liċenzja m'għandieq titlob ħlas għad-drittijiet (royalties) jew miżata oħra għal dan il-bejħ."*

### **Il-Komunikazzjoni tal-kodiċi tas-sors**

*"Il-programm għandu jinkludi l-kodiċi tas-sors, u għandu jippermetti tqassim bil-kodiċi tas-sors kif ukoll fil-forma miġbura f'daqqa. Meta xi forma ta' prodott ma tkunx imqassma bil-kodiċi tas-sors, għandu jkun hemm mezzi li huma tajbin ħafna biex jirreklamaw kif wieħed jikseb il-kodiċi tas-sors permezz ta' nesqa raġonevoli sabiex ikun jista' jagħmel kopji tal-prodott preferibbilment, li wieħed ikun jista' jniżżlu b'xejn mill-Internet. Il-kodiċi tas-sors għandu jkun il-forma ppreferuta li biha l-programmatur ikun jista' jimmodifika l-programm. Mhuwiex permess li l-kodiċi tas-sors jitfassal apposta b'tali mod li ma jinfiehem. Ma jistgħux jitħallew isiru forom intermedji bħalma huma r-riżultati ta' xi proċessur minn qabel jew ta' xi traduttur."*

**Awtorizzazzjoni sabiex ikunu prodotti u mqassmin xogħlijiet imsejsin fuq xogħlijiet li jkunu saru diġà u li huma protetti bid-drittijiet tal-awtur**

*"Il-liċenzja għandha tippermetti modifikazzjoniet u xogħlijiet imsejsa fuq xogħlijiet li saru diġà u li huma protetti bid-drittijiet tal-awtur, u għandha tippermetti li jkunu mqassma skont l-istess termini għat-tqassim tal-liċenzja tas-softwer oriġinali."*

### **Ir-Regolament li għandu x'jaqsam mal-integrità tal-kodiċi tas-sors tal-awtur**

*"Il-liċenzja tista' tillimita biss it-tqassim tal-kodiċi tas-sors f'forma modifikata jekk il-liċenzja tippermetti t-tqassim tal- "fajls li jiddeskrivu l-bidliet li jkunu saru fil-programm tal-komputer" bil-kodiċi tas-sors bil-ġhan li jiġi modifikat il-programm fil-ħin li jkun qiegħed jinħoloq. Il-liċenzja għandha tippermetti b'mod espliċit t-tqassim tas-softwer li jinħoloq mill-kodiċi mmodifikat tas-sors. Il-liċenzja tista' tesgi li x-xogħlijiet msejsa fuq xogħlijiet li saru diġà u li huma protetti bid-drittijiet tal-awtur għandu jkollhom isem jew numru tal-verżjoni li jkunu differenti minn dawk tas-softwer oriġinali.*

Dan minħabba li huwa tajjeb li jkun hemm ħafna

ħeġġa biex isir it-titjib, imma l-utenti għandhom dritt ikunu jafu min huwa responsabbli tas-softwer li jkunu qed jużaw. L-awturi u dawk li jieħdu ħsieb tal-manutenzjoni tal-proġett għandhom id-dritt reċiproku li jkunu jafu x'inhu mitlub mingħandhom sabiex jappoġġaw u jipproteġu r-reputazzjonijiet tagħhom. Il-liċenzja tista' timponi li l-bidliet jew it-titjib għandhom ikunu distinti mis-sors oriġinali.

### **L-ebda diskriminazzjoni kontra persuni jew gruppi**

*"Il-liċenzja m'għandhiex tiddiskrimina kontra xi persuna jew grupp ta' persuni."*

Jista' jkun li xi pajjiżi għandhom restrizzjonijiet fuq l-esportazzjonijiet (embargi) għal ċerti tipi ta' softwer; madankollu l-liċenzja nnifisha ma tistax tinkorpora dawn ir-restrizzjonijiet.



### **L-ebda diskriminazzjoni kontra l-oqsma li għandu jsir sforz fihom**

*"Il-liċenzja ma tistax iżżomm lil xi ħadd milli juża l-programm f'xi qasam partikolari li għandu jsir sforz fih. Pereżempju, ma tistax iżżomm programm mill-ġdid mingħajr ma tinħass il-ħtieġa li tingħatha liċenzja oħra minn dawk il-partijiet."*

### **L-ebda restrizzjoni "oħra" fir-rigward tat-tqassim tal-liċenzji**

*"Id-drittijiet meħmuża mal-programm għandhom japplikaw għal kull minn jitqassam lu l-programm mill-ġdid mingħajr ma tinħass il-ħtieġa li tingħatha liċenzja oħra minn dawk il-partijiet."*

Dan huwa maħsub sabiex iwaqqaf softwer mill-jopera permezz ta' mezzi indiretti bħal meta jintalab ftehim dwar l-iżvelar tal-informazzjoni.



### **Liċenzja m'għandhiex tkun speċifika għal prodott**

*"Id-drittijiet meħmuża mal-programm m'għandhomx jiddependu mill-fatt li l-programm huwa parti minn tqassim ta' softwer partikolari. Jekk il-programm jinsilet minn dak it-tqassim u hu użat skont it-termini tal-liċenzja tal-programm, il-partijiet kollha li tqassmilhom is-softwer mill-ġdid għandu jkollhom l-istess drittijiet bħal dawk li jingħataw flimkien mat-tqassim oriġinali tas-softwer."*

## ***Il-liċenzja m'għandhiex tagħmel restrizzjonijiet fuq softwer ieħor***

*“Il-liċenzja m'għandhiex tagħmel restrizzjonijiet fuq softwer ieħor li jitqassam mas-softwer liċenzjat. Pereżempju, il-liċenzja m'għandhiex tinsisti li l-programmi l-oħra kollha mqassmin bl-istess mezz għandhom ikunu softwer bis-sors mistuħ.”*

## ***Il-liċenzja għandha tkun indipendenti mit-***

### **3.3 L-użu tal-kodiċi liċenzjat taħt I-EUPL: id-drittijiet u l-obbligi tiegħek**

#### **3.3.1 Id-drittijiet tiegħek huma mfissrin fl-Artikolu 2 tal-EUPL:**

Meta “tirċievi” “Xogħol” (softwer u/jew dokumentazzjoni) taħt il-liċenzja EUPL, int tirċievi serje ta’ drittijiet permanenti, mhux esklusivi, li jistgħu jiġu eżerċitati madwar id-din ja, mingħajr ma jithallu royalties.

**“Madwar id-dinja”** tfisser li d-drittijiet tiegħek mhumiex ristretti fir-rigward tal-ispazju: int tista’ tuża x-xogħol liċenzjat ġo l-Ewropa jew barra mill-Ewropa, jew permezz ta’ netwerk internazzjonali tal-komunikazzjoni.

**“Permanent”** tfisser li d-drittijiet tiegħek mhumiex ristretti għal perjodu ta’ żmien. Sakemm int tibqa’ tirrispetta t-termini tal-liċenzja, id-drittijiet jingħatawlek għal dejjem, il-konċedent tal-liċenzja ma jehodlokk il-liċenzja.

**“Mingħajr l-obbligu li jithallu royalties”** tfisser li l-liċenzja nnifisha tingħatalek mingħajr ħlas. Jista’ jkun li jkun hemm miżati relatati ma’ servizzi kumplimentari bħal pereżempju servizzi ta’ appoġġ (manutenzjoni speċifika).

B’mod ġenerali bħala detentur tal-liċenzja F/OSS, speċifikament bil-EUPL, tkun tista’:

- Tikseb il-kodiċi tas-sors minn bank tad-dejta li wieħed jista’ jkollu aċċess għaliex b’mod ħieles. Ma jingħad li dan huwa “bank tad-dejta fuq l-Internet” (minħabba li l-liċenzja hija indipendenti mit-teknoloġija); madankollu l-fatt li wieħed jippubblika l-kodiċi fuq l-Internet jikkorrispondi mal-aħjar prattiki ta’

## ***teknoloġija***

*“L-ebda dispożizzjoni tal-liċenzja m'għandha tkun stabbilita abbażi ta’ teknoloġija individwali jew xi stil ta’ interface.”*

Bħalissa l-Internet muwiex l-uniku mezz li minnu wieħed jista’ jniżżejjel is-softwer (hemm oħrajn bħas-CD-Rom, l-FTP, eċċ.). Jista’ jkun hemm mezzi oħra fil-futur (li għad iridu jiġu vvintati) u l-liċenzja ma tistax tħalli barra (jew tkun magħquda ma’) xi teknoloġija speċifika.



bħalissa.

- Uża x-Xogħol (jiġifieri s-softwer) fi kwalunkwe ċirkustanza u għal kull użu, Dan ifisser, pereżempju, li kemm l-użu privati u dawk pubbliċi, u kemm dawk li jħallu jew li ma jħallux profiti jistgħu isiru.
- Agħmel kopji tax-Xogħol. Dan ifisser li wieħed jagħmel kopji.
- Immodifika x-Xogħol Oriġinali, u agħmel xogħlijiet imsejsa fuq xogħlijiet li saru diġà u li huma protetti bid-drittijiet tal-awtur. Dan ifisser li int tista’ tadatta l-kodiċi għall-halliġiet speċifiċi tiegħek, inkluż is-softwer f-soluzzjoni iktar wiesgħa jew għall-kuntrarju islet biss il-partijiet mill-kodiċi li jistgħu isiru.
- Ikkomunikah lill-pubbliku (jiġifieri għaddieh permezz ta’ netwerk pubbliku jew permezz ta’ servizzi ta’ taqsim imsejsin fuq ix-Xogħol - "Softwer bħala servizz" fuq l-Internet)
- Qassam ix-Xogħol jew kopji tiegħu, Int għandek id-dritt ukoll li tqassam verżjoni modifikata tax-Xogħol jew tax-Xogħlijiet imsejsa fuq xogħlijiet li saru digħi u li huma protetti bid-drittijiet tal-awtur kif inhu ddikjarat hawn fuq.
- Sellef ix-Xogħol jew kopji tiegħu b’xejn jew bi-ħlas.
- Agħti d-drittijiet tal-liċenzja lil parti terza fir-rigward tax-Xogħol jew tal-kopji tiegħu, jiġifieri int se tqassam taħt il-kundizzjonijiet ta’ Liċenzja (I-EUPL skont il-klawżola “copyleft”) u se tagħti liċenzja lil parti terza tad-drittijiet kollha li jkunu ngħatawlek skont l-EUPL lill-partijiet intercessati ġodda.



### *3.3.2 L-obbligi tiegħek huma mfissra fl-Artikoli 5 u 6 tal-EUPL:*

#### **Għall-użu tas-softwer**

Jekk int utent li m'intix espert fit-tħaddim tas-softwer “kif sibtu jew kif niżżiltu” mingħajr ma mmodifikajt il-kodiċi tas-sors, u għall-benefiċċju tiegħek stess jew għall-benefiċċju tal-organizzazzjoni tiegħek (l-istess amministrazzjoni, l-entità legali li tbiegħ) mingħajr ma tqassam jew tikkomunika s-softwer lil partijiet terzi, m’hemm l-ebda obbigu jew limitu spċifici tad-drittijiet li huma mogħtija lilek.

Permezz tal-użu tas-softwer, int se tevita kwalunkwe użu mhux awtorizzat tal-proprietà intellettuali tal-awtur li ġew qabel: ismijiet, logos, trademarks, marki tas-servizz etc. Pereżempju, tista' tuża "CIRCA" (softwer li l-Kummissjoni Ewropea tat il-liċenzja taħt l-EUPL) sabiex l-istess informazzjoni tintuża minn utenti li huma 'l bogħod fil-kuntest tas-servizzi jew tal-proġetti tiegħek, madankollu l-fatt li jintuża CIRCA ma jawtorizzakx tuża l-isem (jew il-logo) tal-Kummissjoni Ewropea għall-finijiet ta' reklamar jew sabiex tgħid li l-attività tiegħek qiegħda tiġi appoġġata, iffaċċilitata jew sponsorjata mill-Kummissjoni Ewropea.

#### **Għall-għoti tal-liċenzji tas-softwer daqslikieku huwa l-awtur oriġinali**

Jekk int l-ewwel persuna li qed tieħu d-deċiżjoni dwar il-għoti tal-liċenzja għax-xogħol (l-“awtur oriġinali” jew l-ewwel konċedent tal-liċenzja), għandek tiżgura (u tagħti garanzija formal permezz ta’ liċenzja) li int għandek it-titolu tad-drittijiet tal-awtur, jew li kienet ingħatatlek liċenzja.

Pereżempju, jekk l-amministrazzjoni tas-settur pubbliku tiegħek trid tagħti liċenzja għal ċertu softwer, kun ċert li l-iżviluppaturi tas-softwer kien jew huma impiegati ta' din l-amministrazzjoni jew kienu kuntratturi (li kienu jaħdmu miegħek permezz ta’ kuntratt ta’ servizzi li jittraferixxi d-drittijiet kollha lill-amministrazzjoni tiegħek. Il-garanzija formal ta’ hawn fuq (ara l-Artikolu 6 tal-EUPL) tingħata billi jiddah lu notifikasi prominenti tad-drittijiet tal-awtur fil-kodiċi tas-softwer (billi jiġi indikat l-isem tad-detentur tad-drittijiet tal-awtur).

L-ewwel konċedent tal-liċenzja jista' jinkludi wkoll, fix-xogħol, biċċiet spċifici mill-kodiċi tas-softwer li tiegħu ngħatatal liċenzja taħt liċenzja permessiva (jew “non-copyleft”, jidher bi drid li jipproduc softwer li jkun propriedà tiegħi biss): liċenzja li, bħall-“BSD il-ġdid”, l-“Apache 2.0” jew il-“Liċenzja MIT”, tħalli li jsir tqassim mill-ġdid tal-kodiċi liċenzjat taħt liċenzja oħra: l-EUPL. F'dan il-każ, jekk jogħġbok eżamina sew id-dispożizzjonijiet tal-liċenzja “permessiva”, b'mod partikolari l-klawżoli kollha li għandhom x'jaqsmu mal-kundizzjonijiet jew mat-tqassim mill-ġdid u li jkunu rrispettati l-marki tad-drittijiet tal-awtur li digħi jeżistu.

#### **Għall-modifikazzjoni tas-softwer**

Jekk tirċievi s-softwer li hu liċenzjat taħt l-EUPL u għal xi raġuni tixtieq teditja l-kodiċi, int għandek tirrispetta d-drittijiet tal-awtur tal-awtur oriġinali (jidher li ġiġi l-Komunità Ewropea), u l-kontributuri sussegamenti (jekk hemm) b'mod partikolari l-affarrijiet kollha li jissemmew li għandhom x'jaqsmu mas-softwer. Għalhekk, tneħħix marki tad-drittijiet tal-awtur jekk dawn jinsabu fil-kodiċi tas-sors użat sabiex int tikteb xogħol imsejjes fuq xogħol li sar digħi u li hu protett bid-drittijiet tal-awtur.

Jekk int stess tagħmel xi tibdil biex ittejjeb, indika b'mod ċar il-bidu u t-tmiem ta' dawn it-tibdili, daħħal id-data meta tkun saret il-modifikazzjoni u l-marka tad-drittijiet tal-awtur tiegħek stess, li tidentifikak b'mod ċar bħala l-awtur u d-detentur tad-drittijiet tal-awtur tal-modifikazzjonijiet. Jekk jogħġbok aghħmel dan dlonk kif issir xi modifikazzjoni, anki jekk m'għandekx il-ħsieb li tqassam is-softwer mill-ġdid (hekk kif l-organizzazzjoni tiegħek tista' tieħu deċiżjoni oħra fil-futur). Jekk tippjana li tqassam is-softwer mill-ġdid wara li tagħmel xi modifikazzjoni jew xi tibdil, tinsiex li l-EUPL (l-Artikolu 6) titlob garanzija waħda formal mingħand kull kontributur: li d-drittijiet tal-awtur tal-kodiċi li ddaħħal huma propriedà tiegħek jew li ngħatatilek il-liċenzja bil-kundizzjoni li jkollok permess tergħi tqassmu mill-ġdid.

#### **Għat-tqassim tas-softwer mill-ġdid**

#### **X'inhu t- “Tqassim”**



Skont kif inhi mfissra l-EUPL, it-*Tqassim u/jew il-Komunikazzjoni* (għall-pubbliku) huma kwalunkwe azzjoni ta' bejgħ, għoti, self b'xejn jew bi ħlas, tqassim, komunikazzjoni, trażmissjoni, jew inkella li wieħed jagħmel disponibbli kopji tax-Xogħol onlajn jew offlajn, jew li wieħed jipprovd i-aċċess għall-funzjonalitajiet essenzjalji. It-tifsira hija wiesħha ħafna u tkopri iktar milli sempliċiment wieħed jipprovd "kopji" tas-softwer. Xi ġadd li, bħala fornitur tas-servizzi tal-Internet pereżempju (Softwer bħala Servizz), iħalli lill-utenti onlajn sabiex jaħdnu bis-softwer, ikun "qiegħed jikkomunika mal-pubbliku".

Dan ifisser li kull fornitur tas-servizzi tal-Internet (ISPs), li aktarx ikunu "qegħdin jużaw ix-xogħol kif ikunu sabuh" (jiġifieri mingħajr ma jagħmlu xogħol imsejjes fuq xogħol li sar diġà u li hu protett bid-drittijiet tal-awtur) il-komponenti standard tal-F/OSS (l-iċenzjati taħt l-EUPL) għandhom ikunu konformi mal-obbligli tad-distributuri (speċjalment dawk li għandhom x'jaqsmu mal-provvediment ta' bank tad-dejta fejn il-kodiċi tas-sors ikun disponibbli)? Le, dan sempliċiment huwa ta' piż u muhuwiex l-għan tal-iċenzja. L-għan ta' din il-iċenzja huwa li d-drittijiet kollha tal-utenti (u b'mod partikolari ta' dawk tal-awtur orīġinali u l-kontributuri sussegwenti) jkunu protetti jekk l-ISPs joffru sservizzi tagħhom imsejja fuq xogħliji li saru

diġà u li huma protetti bid-drittijiet tal-awtur li l-ebda bank ieħor tad-dejta ma hu jqassamhom jew jagħtihom liċenzja. F'dawn il-każijiet biss, l-ISP għandu jkun konformi mal-obbligli tad-distributur.

### X'jigri jekk int "Tqassam" is-softwer

Sabiex tqassam is-softwer mill-ġdid lill-partijiet terzi, għandek tqis żewġ obbligli, li għandhom x'jaqsmu mal-użu tal-liċenzja u mal-provvediment ta' bank tad-dejta fejn il-kodiċi tas-sors tas-softwer ikun disponibbli.

### A) Obbligu li għandu x'jaqsm mal-liċenzja

Jekk tqassam kopji tal-programm li kienet ingħatatlek liċenzja tiegħu taħt l-EUPL, int għandek dejjem tagħti dawn il-kopji skont id-dispożizzjoni tal-EUPL.

Jekk ħloqt xogħol imsejjes fuq xogħol li sar diġà u li hu protett bid-drittijiet tal-awtur (jiġifieri li int kont immodifikajt is-softwer, żidt funzjonalitajiet oħra, ittraduċejt l-interface fl-lingwi oħra eċċ.), u jekk tqassam dan ix-xogħol ġdid, għandek tapplika wkoll l-istess liċenzja EUPL (mingħajr ma timmodifika t-termini tal-ġhoti tal-liċenzja) għax-xogħol kollu msejjes fuq xogħol li hu protett bid-drittijiet tal-awtur.



L-EUPL tipprevedi eċċeazzjoni importanti għar-regola ta' hawn fuq: huwa l-każ fejn l-użu tal-liċenzja kompatibbli "copyleft" huwa obbligatorju.

Liċenzja tas-Softwer tissejja "Copyleft" meta tqassim mill-ġdid tal-kodiċi oriġinali jew tar-riżultat ta' kwalunkwe twaħħid mal-kodiċi għandu jkun liċenzjat taħt din il-liċenzja mhux modifikata.

Il-Liċenzja Pubblika Ġenerali GNU (GPLv.2)

hija l-iktar liċenzja copyleft użata.

Skont l-Artikolu 5 tagħha, l-EUPL hija wkoll copyleft sabiex tevita kwalunkwe approprazjoni esklussiva tas-softwer.

Min-naħa tal-EUPL, hemm elenkti liċenzji copyleft kompatibbli kif ġej: (l-1 ta' Frar 2009):

- il-Liċenzja Pubblika Ġenerali GNU (GPLv.2)
- il-Liċenzja tas-Sors Miftuħ (OSL) v. 2.1



u/jew v. 3.0

- il-Liċenzja Pubblika Komuni v. 1.0
- il-Liċenzja għal softwer bis-sors miftuħ użat mill-Fondazzjoni Eclipse v. 1.0
- CeCILL v. 2.0

Xi jfisser dan?

Immaġina li int waħħad flimkien żewġ biċċiet ta' kodiċi tas-softwer:

- l-ewwel biċċa tal-kodiċi nghatatilek il-liċenzja sabiex tkun tista' tużah taħt l-EUPL;
- għat-tieni biċċa tal-kodiċi nghatatilek il-liċenzja sabiex tkun tista' tużaha taħt waħda



Grafika 2: Il-Klawżola ta' kompatabbiltà

Jekk jogħġbok kun af, li meta tkun qed toħloq is-soluzzjonijiet tas-softwer minn diversi komponenti ta' Sors Miftuħ, rari tkun obbligat twaħħad jew tillinkja l-kodiċi tagħhom f'sors wieħed. B'mod ġenerali, il-komponenti diversi tas-soluzzjoni jinbidlu u jipproċessaw parametri mingħajr ma jitwaħħdu. F'dan il-każ, kull komponent tas-soluzzjoni jista' jibqa' liċenzjat taħt il-liċenzja orīginali.

Immaġina każ ieħor fejn int tkun waħħad flimkien żewġ biċċiet oħra mill-kodiċi tas-softwer:

- ingħatatilek liċenzja għall-ewwel biċċa taħt l-EUPL;
- ingħatatilek liċenzja għat-tieni biċċa taħt liċenzja "permessiva"

mil-liċenzji copyleft kompatibbli ta' hawn fuq (pereżempju il-GPLv2).

Jekk tiddeċiedi li tqassam mill-ġdid ix-xogħol imsejjes fuq xogħol li sar digħà u li hu protett bid-drittijiet tal-awtur, int tkun qed tqassam dan ix-xogħol mill-ġdid skont id-dispożizzjoni tal-GPLv2. Dan huwa obbligu li jirriżulta mill-GPLv2, li huwa "copyleft". L-EUPL isolv "l-kunflitti bejn il-liċenzji" billi jawtorizzak tkun konformi ma' dan l-obbligu.



Jingħad li liċenzja tas-softwer hija liċenzjata bħala "permessiva" meta t-tqassim mill-ġdid tal-kodiċi orīginali jew tar-riżultat ta' xi twaħħid tal-kodiċi jista' jkun liċenzjat taħt xi liċenzja (listess jew oħra, inkluż liċenzja "proprietarja" (fejn il-bejjiegħ jirriżvera tad-drittijiet kollha tal-awtur għaliex biss)). Eżempju magħruf sew tal-liċenzji permessivi jinkludi l-liċenzja MIT u l-familja tal-liċenzji BSD.

Jekk tiddeċiedi li tqassam mill-ġdid ix-xogħol imsejjes fuq xogħol li sar digħà u li hu protett bid-drittijiet tal-awtur, int tkun qed tqassam dan ix-xogħol mill-ġdid skont id-dispożizzjoni tal-EUPL. Dan huwa obbligu li joħroġ mill-Artikolu 5 tal-EUPL (il-klawżola tal-"copyleft").





Grafika 3: It-thawwid mal-kodiċi tas-sors permessiv

### b) L-obbligu li għandu x'jaqsam mal-pubblikazzjoni tal-kodiċi tas-sors

Fil-każ tat-tqassim ta' xogħol li sar diġà u li hu protett bid-drittijiet tal-awtur, int għandek tikkommuna l-kodiċi tas-sors modifikat minn bank tad-dejta li wieħed jista' jkollu aċċess liberu

### 3.4 X'għandek tistenna minn softwer li jkun liċenzjat taħt I-EUPL?

Meta tkun l-awtur (oriġinali), jew il-persuna li tikkontribwixxi għat-titjib ta' xogħol eżistenti liċenzjat taħt I-EUPL, int tistenna li d-drittijiet tiegħek tal-awtur ikunu protetti, minħabba li I-EUPL titlob lid-detenturi tal-liċenzja

- Jirrispettar id-drittijiet tal-awtur oriġinali (u ta' dawk li jikkontribwixxu sussegwentament jekk ikun hemm) b'mod partikolari dawk l-affarrijiet kollha li jissemmew li jkollhom x'jaqsmu mal-liċenzja.

Meta tkun l-awtur, jew dak li jikkontribwixxi għat-titjib tax-xogħol li jkun liċenzjat taħt I-EUPL eżistenti, tistenna li x-xogħol tiegħek ma jkun qatt approprijat minn parti terza (eż. bejjiegħ ta' softwer li jagħmel ix-xogħol proprijetà tiegħu) minħabba li I-EUPL titlob lid-detenturi tal-liċenzja:

- Japplikaw il-liċenzja taħt I-EUPL meta jagħmlu tqassim tal-kopji tax-xogħol imsejjes fuq xogħol li sar diġà u li hu protett bid-drittijiet tal-awtur<sup>2</sup>.

<sup>2</sup> Għajr fil-każ ta' liċenzja kompatibbli tad-drittijiet tal-utent (copyleft), li tevita wkoll l-

għalih (f'ħafna każijiet, din tkun websajt jew indirizz ta' FTP). Għandek għall-anqas tipprova ħolqa jew indirizz li jippermetti kwalunke detentur tal-liċenzja jiftaħ dan il-bank tad-dejta jew li jkollu aċċess għalih jew li jniżżejjel il-kodiċi tas-sors, sakemm int tkompli tqassam ix-xogħol.

Meta tkun l-awtur, jew dak li jikkontribwixxi għat-titjib tax-xogħol li jkun liċenzjat taħt I-EUPL, tistenna li tkun mgħarraf meta dan jerġa jitqassam mill-ġdid. M'hemm l-ebda obbligu formal (jew "garanzija") li tgħarraf lill-awtur oriġinali (jew li tkun mgħarraf eż. fil-każ ta' titjib). Madankollu, sakemm tkun l-awtur jew dak li jikkontribwixxi, int tibqa' attiv u tipparteċipa fil-“komunità ta’ nies li jaħdmu bissoftwer liċenzjat”, sabiex isiru żviluppi jew sempliċiment forums li jkollhom x'jaqsmu max-xogħol liċenzjat (jigħiżi dwar il-qasam li jingħażel biex jiġi żviluppat bis-saħħha tal-kollaborazzjoni) tibqa' fil-qalba u tikseb kumenti dwar dan. Dan jiżgurak li int ikollok d-dritt tal-aċċess tal-kodiċi modifikat u li tibbenifika mit-titjib għall-interessi tiegħek, minħabba li I-EUPL tordnalek:

- Meta jsir it-tqassim ta' xogħol li sar diġà u li hu protett bid-drittijiet tal-awtur, id-distributur li jqassam ix-xogħol mill-ġdid għandu l-obbligu li jikkontribu l-kodiċi tas-sors modifikat permezz ta' bank tad-

approprijazzjoni minn partijiet terzi, kif spjegat fit-taqSIMA 5.5.



dejta li għandu aċċess liberu.

Meta tkun l-awtur, jew dak li jikkontribwixxi għat-titjib tax-xogħol li jkun liċenzjat taħt EUPL eżistenti, tistenna li l-proprietà intellettuali tiegħek (l-ismijiet, logos, trademarks, marki tas-servizz, eċċ.) tkun rispettata, hekk kif l-EUPL tordna lill-utenti kollha (jew lid-distributuri li jqassmu x-xogħol mill-ġdid) jevitaw l-użu kollu mhux awtorizzat tal-proprietà intellettuali li jkunu għamlu l-awturi ta' qabel.

Fl-aħħar, meta tkun l-utent ta' softwer liċenzjat taħt l-EUPL, int għandek garanzija tas-sostenibbiltà li għandha x-taqsam mal-ġhoti tal-liċenzja tal-kodiċi, hekk kif din il-liċenzja mill-EUPL ma tistax titteħidlek lura: anki jekk l-awtur oriġinali jiddeċċiedi jaapplika t-termini l-oħra jn-nazjar tal-ġidu u tħalli minn tħalli. Iktar verżjonijiet tal-kodiċi tas-sors oriġinali tiegħu, dak li jingħata lilek b'liċenzja jingħataleq mingħajr limiti ta' żmien.

### 3.5 Garanziji, responsabbiltà, liġi applikabbi

Meta tkun l-utent ta' softwer liċenzjat taħt l-EUPL, ma tirċievi l-ebda garanziji dwar il-kwalità tas-software, u safejn hu permess mill-liġi applikabbi - id-distributur tas-software jiċċad ir-responsabbiltajiet kollha li għandhom x-xaqsmu ma' kwalunke ħsara kkawżata mis-software.

Dan ifisser li, skont it-termini tal-liċenzja, u barra l-każijiet eċċezzjoni (imġiba ħażina volontarja jew danni lil persuni naturali) il-konċedent tal-liċenzja qatt mhu se jkun responsabbli għal xi ħsara direttu jew indirettu, materjali jew morali, danni ta' kwalunkwe natura. Dan ma jħallix lil dak li jkun jitlob rimedji meta jkun hemm telf ta' dejta, telf ta' reputazzjoni, waqfien fix-xogħol, ħsara fil-komputer, telf ta' opportunitajiet ta' negozju eċċ.

Eżempju:

Niżżilt is-soluzzjoni “X-F/OSS” (isem fittizju) liċenzjata taħt l-EUPL u żammejt il-fajls importanti għalija fiha: il-klijenti tiegħi kollha u l-korripondenza li kelli magħhom għal iktar minn tliet snin. F'daqqa waħda, is-server X-F/OSS jieqaf jaħdem u nitlef id-dejta kollha – m'għandi l-ebda kopja oħra tad-dejta jew l-unika kopja li għandi hija fil-format X-F/OSS” li ma tistax tinqara u tirriproduċi l-iż-żball. F'dan il-każ, ma nistax nitlob rimedju għall-ħsarat minħabba xi responsabbiltà tal-awtur tal-“X-F/OSS”.

Iċ-ċaħda tar-responsabbiltà qatt mhi assoluta: il-konċedent tal-liċenzja jista’ jkun soġġett għal-liġijiet statutorji dwar ir-responsabbiltà tal-prodott, sakemm dawn il-liġijiet jaapplikaw għax-xogħol. Il-liġi applikabbi hija l-liġi nazzjonali ta’ Stat Membru speċifiku (hija l-liġi ta' pajjiż li qiegħed fl-Unjoni Ewropea fejn il-konċedent tal-

liċenzja jgħix jew għandu l-uffiċċju reġistrat fi). Uħud mil-liġijiet nazzjonali huma saħansitra iktar stretti fejn tidħol ir-responsabbiltà tal-prodott.

Għalhekk, il-liċenzja EUPL (bħal kwalunkwe liċenzja oħra, F/OSS jew proprietarja) mhijex se żżomm lill-qorti milli tistabbilixxi “resopsabbiltà tal-prodott” imsejsa fuq il-prinċipji ġenerali tal-protezzjoni tal-konsumatur.

Il-liċenzja EUPL innifisha tipprevedi każijiet fejn l-awtur ikun responsabbi: fil-każ ta' mgħiba ħażina volontarja (pereżempju l-awtur infetta s-software b'vejrus malizzjuż tal-komputer) jew jekk is-software jikkawża ħsara direttu lill-persuni jew lill-oġġetti (pereżempju, is-software huwa sistema speċifika ta' navigazzjoni għall-ingħenji tal-ajru u jikkawża xi ħabta, is-software ikejjel it-temperaturi tal-instrumenti mediċinali li jisterilizzaw u l-kalkolu ħażin ta' dan jikkawża kontaminazzjoni, is-software jirregola l-atmosfera ta' post u jikkawża xi intossikazzjoni). Madankollu, dawn huma l-każijiet estremi fejn korpi ta' ċertifikazzjoni xierqa jistgħu jeżaminaw is-software u jiċċertifikaw għall-użu propost. Fiċ-ċirkostanzi l-oħra kollha, l-EUPL għandha tipproteġi lill-awtur mit-talbiet li joħorġu minn ħsarat indiretti: telf ta' dejta, ta' ħin, ta' immaġni, ta' opportunitajiet tan-negożju eċċ.

Barra minn hekk, is-software imqassam taħt l-EUPL jiġi b'garanzija speċifika li d-drittijiet tal-awtur tas-software huma proprietà tal-konċedent tal-liċenzja, għandu d-dritt iqassam is-software taħt l-EUPL. Din il-garanzija hija importanti kemm għall-konċedent tal-liċenzja u kemm għad-d-detentur tal-liċenzja. Għall-konċedenti tal-liċenzja (fil-każ li huma l-awturi oriġinali) din hija tfakkira li huma għandhom jiżguraw li



għandhom id-drittijiet tal-awtur qabel ma jagħtu l-liċenzja lis-softwer. Għall-kontributuri li jiġu wara li jqassmu s-softwer mill-ġdid, din hija tfakkira li għandhom jiżguraw li huma għandhom id-drittijiet tal-awtur fuq il-modifikasi kollha li jkunu għamlu. Għad-detentur tal-liċenzja (l-utent aħħar), din hija garanzija aħjar kontra r-riskju ta' talbiet rigward il-ksur tad-drittijiet tal-awtur u anki fil-każ ta' talbiet relatati mal-brevetti: jistgħu jeżaminaw liema parti mill-kodiċi tas-softwer hemm dubju dwarha u jitkolbu kjarifikazzjoni mill-awtur.

Fil-fatt huwa komuni li l-garanziji u tar-responsabbiltà jitħallew barra mil-liċenzji kollha tas-softwer (b'Sors Ħieles/Miftuħ jew

### **3.6 Iktar żvilupp u użu ma'softwer ieħor**

Tista' tuża softwer li jkun liċenzjat taħt l-EUPL flimkien ma' kwalunkwe softwer ieħor mingħajr restrizzjoni. Madankollu, jekk tixtieq tqassam iktar softwer liċenzjat taħt l-EUPL li tkun irċevejt, inkluż it-titjib possibbli li tkun għamilt, għandek tagħmel dan billi tuża l-liċenzja EUPL stess jew liċenzja kompatibbli.

### **3.7 L-EUPL jista' jiġi modifikat?**

Mistoqsija oħra hija jekk l-utent jistax jimmodifika liċenzja, eż. "Nista' noħloq liċenzja ta' xogħol imsejjes fuq xogħol li sar digħa u li hu protett bid-drittijiet tal-awtur?". It-tweġiba hija għall-kollox fin-negattiv: l-EUPL huwa dokument uffiċjali, approvat mill-Kummissjoni Ewropea wara snin ta' konsultazzjonijiet u tħejjija. M'għandekx timmodifikah jew toħloq ix-xogħol imsejjes fuq xogħol li sar digħa u li huprott bid-drittijiet tal-awtur taħt l-EUPL" inti stess u ssejjaħ lu EUPL, "EUPL EUPL v. 2", "EUPL plus" jew xi ħaġa oħra simili ta' dan.

Il-liċenzja EUPL għandha d-drittijiet tal-awtur (© il-Komunità Ewropea 2007) u mhixiex "xogħol liċenzjat" fiha nnifisha li jista' jiġi modifikat b'mod liberi. Skont l-Artikolu 5 (il-klawżola "copyleft"), l-użu tal-EUPL huwa biss permess għat-tqassim u/jew għall-komunikazzjoni ta' xogħlnej "skont it-termini ta' din il-Liċenzja" (jiġifieri mingħajr modifikazzjoni tad-dispożizzjoni tal-liċenzja).

Naturalment, huwa possibbli li tikkumplementa

proprjetarji). Madankollu, il-fatt li dawn jitħallew barra huwa iktar iġġustifikat fil-każ ta' programm b'Sors Miftuħ, li kien ingħata u mhux inbiegħ, li huwa xogħol li għadu qiegħed jiżviluppa, li jista' jibqa' jittejjeb minn bosta kontributuri.

Fl-aħħar, jekk titlob garanzija ta' appoġġ jew ta' xi tip ta' ftehim dwar livell ta' servizz (SLA) li jagħti tifsira tal-kwalità, il-frekwenza, ir-reattività u l-prezz ta' xi servizzi speċifiċi li jingħataw, tista' tiffirma kuntratti jew ftehimiet oħra ma' organizzazzjonijiet jew kumpaniji li jappoġġaw is-softwer liċenzjat taħt l-EUPL li tuża int, li jista' jiaprovdxi l-garanziji u l-kopertura tar-responsabbiltà, x'aktarx bi ħlas.



Jekk tixtieq tibdel is-softwer liċenzjat taħt l-EUPL jew tgħaqqu ma' softwer ieħor sabiex tagħmel softwer ġdid ("xogħol imsejjes fuq xogħol li sar digħa u li hu protett bid-drittijiet tal-awtur"), għandek bżonn issegwi t-termini tal-EUPL sabiex tiżviluppa jew tintegra s-softwer. (ara l-kapitolu 4).

l-liċenzja bi ftehim ieħor li jkollu x'jaqsam mas-servizzi: integrazzjoni, implementazzjoni, appoġġ, garanzija estiżza, manutenzjoni eċċ. Madankollu, kif intqal fl-Artikolu 5, it-termini jew il-kundizzjonijiet miżjud m'għandhomx ivarjaw jew jirrestrinġu t-termini tal-liċenzja EUPL.

Jekk l-EUPL ma tissodisfax il-ħtiġijiet tiegħek, tista' tikkonsulta l-lista ta' liċenzji ċertifikati OSI sabiex teżamina jekk teżistix xi liċenzja oħra li hija użata ħafna u li tista' tissodisfa l-ħtiġijiet tal-komunità li tiżviluppa s-softwer. Tista' toħloq ukoll il-liċenzja tiegħek stess, imma għandek tkun konxju li dan l-eżerċizzju għandu jkun riżervat għall-ispeċjalisti. F'dan il-każ, anki jekk xi ideat tal-EUPL jistgħu jkunu ta' ispirazzjoni għal xogħlok, l-ebda idea li tinsab fil-liċenzja l-ġidida oriġinali m'għandha tikkawża xi konfużjoni mal-EUPL, minħabba li jiġu kkupjati l-isem, il-ġudizzju tal-Komunità Ewropea dwar ir-rikonoxximent tal-awtur, l-organizzazzjoni formalji jew il-kontenut tagħha stess.

## 4. Ir-rilaxx tas-softwer tiegħek taħt l-EUPL

L-EUPL hija maħsuba sabiex tiffaċilita t-tqassim tas-softwer li għandek it-titolu tiegħu, waqt li timxi fuq il-prinċipji tal-F/OSS.

### 4.1 Prerekwiżiti

L-iktar prerekwiżit importanti sabiex tirrilaxxa s-softwer taħt l-EUPL, bħal ma jiġi meta tirrilaxxa kwalukwe softwer ieħor, huwa li tkun żgur li int għandek it-titolu tad-drittijiet tas-softwer.

Teħtieġ tkun konxju tat-termini li taħthom se tirrilaxxa is-softwer, għalhekk għandek tiffamiljarizza ruħek mal-EUPL.

L-EUPL hija liċenzja għall-F/OSS. Filwaqt li l-EUPL innifisha fiha t-termini kollha tal-liċenzja li se tuża, huwa utli li thossox familjari mal-kunċetti tal-F/OSS sabiex tieħu l-aħjar mill-vantaġġi sabiex tirrilaxxa s-softwer taħt l-EUPL. B'mod partikolari, huwa importanti li tifhem il-prinċipji tal-F/OSS li fuqhom hija mibnija l-komunità.



### 4.2 Eżamina t-titolu u d-DPI fuq is-softwer tiegħek

Jekk int ktibt is-softwer kollu li tixtieq tirrilaxxa (jew l-organizzazzjoni tiegħek, jiġifieri l-entità legali li se tirrilaxxa s-softwer), allura int għandek it-titolu tad-drittijiet tal-awtur tas-softwer. Fi kwalunkwe sitwazzjoni oħra, jeħtieġ teżamina min kteb is-softwer u taħt liema termini int tista' tużah u tqassmu.

Jekk is-softwer inkiteb minn kuntratturi fismek, int jista' jkollok id-dritt li tqassmu mill-ġdid, jew inkella jkollok it-titolu tas-softwer – dan jiddeppi mit-termini tal-kuntratt li taħthom inkiteb is-softwer għalik. Għalhekk int għandek issib dan il-kuntratt u teżamina d-dispożizzjonijiet dwar id-Drittijiet tal-Proprietà Intellettuali (DPI). Pereżempju, jekk tkun qiegħed fil-proċess li tifirma kuntratt mal-kumpanija X (il-“Kuntratt”), eżamina jekk il-kuntratt tiegħek fihx dispożizzjoni bħal din:

“It-titolu tar-riżultati – proprjetà intellettuali u industriali”

Kwalunkwe riżultati jew drittijiet fuq dawn, inkuż id-drittijiet tal-awtur u d-drittijiet tal-proprietà intellettuali u industriali oħra, miksuba fl-eżekuzzjoni tal-Kuntratt, għandhom ikunu l-proprietà unika tal-<AWTORITÀ KONTRAENTI>, li tista' tużahom, tippubblifikhom, tassenjahom jew

tittrasferixxihom kif tqis li jkun xieraq, mingħajr limitazzjoni ġeografika jew limitazzjoni oħra.”

F’kuntratti ġodda, huwa rrakkommandat li int għandek tiffoka l-attenzjoni tal-kuntrattur fuq il-ħsieb tiegħek li tqassam ix-xogħol taħt l-EUPL. Verament, illum l-iżviluppaturi jużaw għadd dejjem jikber ta’ komponenti b’Sors Miftuħ jew anki tad-“Dominju Pubbliku” u għandhom jeżaminaw jekk il-liċenzja ta’ dawn il-komponenti hijex permessiva bizzżejjed tant li tħallik tqassam is-softwer tiegħek taħt l-EUPL. Huwa għalhekk irakkommandat li tikkumplimenta d-dispożizzjoni ta’ hawn fuq ma’ dan li ġej:

“Fejn jeżistu drittijiet tal-proprietà industriali jew intellettuali qabel ma jkun iffirmat il-Kuntratt (kif jista’ jkun il-każi meta l-Kuntrattur jintegra l-komponenti tas-softwer bis-sors miftuħ fix-xogħol li joħroġ) il-Kuntrattur għandu jeżamina u jkun żgur li x-xogħol kollu li jkun ħareġ jista’ jiġi ttrasferit, imqassam jew ikkomunikat taħt id-dispożizzjoni tal-Liċenzja Pubblika tal-Unjoni Ewropea (l-EUPL). L-eċċeżżjonijiet għar-rekwiżit hawn fuq huma possibbli biss wara li l-<AWTORITÀ KONTRAENTI> tagħti l-approvażżjoni tagħha minn qabel.”



### **4.3 L-applikazzjoni tal-prinċipji tal-F/OSS (biex tinbena komunità)**

Naturalment, tista' tirrilaxxa s-softwer taħt l-EUPL sempliċiement biex tagħmilha iktar faċli għall-oħrajn biex jużaww, f'dal-każ jista' jkun ma tkunx interessa t-iż-żviluppa komunità ta' appoġġ barra mill-organizzazzjoni tiegħek magħmula minn “żviluppaturi li minn jeddhom jixtequ jaħdmu iktar dwar dan”. Madankollu, jekk trid tisfrutta l-vantaġġi kollha tal-komunità li tuża s-softwer bis-sors miftuħ, jiġifieri l-possibbilta li organizzazzjonijiet u individwi oħrajn se jgħinu billi jappoġġaw u jiż-żviluppaw iktar is-softwer, għandek tiffamiljarizza ruħek mal-komunità tal-utenti u tal-iż-żviluppaturi li aktarx jikkollaboraw miegħek sabiex tiż-żviluppa iktar is-softwer tiegħek. Huwa għaqli li taqra l-“*Linji gwida għall-Amministrazzjonijiet Pubbliċi dwar l-Assoċjazzjoni mal-Komunitajiet li Jużaw is-Softwer bis-sors miftuħ*” miġbura mill-IDABC f'dan il-kuntest<sup>3</sup>

### **4.4 Għaliex hija importanti liċenzja?**

Kif digħà rajna, is-softwer hu protett mid-drittijiet tal-awtur. Mingħajr liċenzja, il-bidliet, it-titjib, il-lokalizzazzjoni (traduzzjonijiet) kollha huma pprojbiti. Tabilħaqq, id-drittijiet tal-awtur jagħtu lil min għandu t-titolu tax-xogħol ċerti drittijiet fuq ix-xogħol stess, u huwa illegali li l-oħrajn jużaw ix-xogħol daqslikieku kien propretà tagħhom.

Il-proprietarju (il-Konċedent tal-liċenzja) jagħti l-permess lil xi parti oħra (id-Detentur tal-liċenzja) permezz tal-użu ta' Liċenzja, bħalma hi l-EUPL.

Minħabba li hija liċenzja għall-F/OSS, l-EUPL tipproteġi d-drittijiet tal-awtur oriġinali, filwaqt li tagħti lill-utenti jew lill-awturi sussegamenti, il-libertà li jużaw is-softwer daqslikieku kien tagħhom stess.

Id-dritt li wieħed juża mill-ġdid ix-xogħliji li jkunu saru qabel huwa “faċilitatur” importanti għall-mod li qed jintuża dan l-aħħar ta' kif isiru l-programmi, fejn komponenti multippli tas-softwer huma magħquda jew miġbura flimkien. Għalhekk huwa essenzjali li jkun stabbilit li teżisti liċenzja xierqa għall-komponenti kollha u - fil-każ li l-komponenti huma mwassla taħt bosta liċenzji u jekk ix-xogħol li jirriżulta minn dan ikollu jitqassam mill-ġdid lill-pubbliku - li dawn il-liċenzji huma kompatibbli flimkien.



<sup>3</sup> Ippublikati fuq is-sit tal-IDABC:  
<http://ec.europa.eu/idabc/servlets/Docbe59.pdf?id=28128>

## **4.5 Id-deċiżjoni li tippubblika softwer taħt Liċensja tal-F/OSS**

Jekk qiegħed taqra dawn il-linji gwida, probabbilment tinsab diġà konxju li l-użu tal-istess softwer minn utent wieħed jew iktar huwa wieħed mill-iktar modi effiċjenti ta' kif wieħed iżid l-użu tas-softwer, isahħħah il-kwalitā (jippermetti li żviluppaturi oħra jeżaminaw, itejbu jew iżidu l-funzjonalitajiet) u jiffranka l-spejjeż billi jevita li jkollu jerġa' jivvinta s-softwer mill-ġdid. Din il-proċedura ġiet irrakkommadata lill-amministrazzjonijiet pubbliċi, bi qbil assolut bejn il-ministri Ewropej responsab bli mill-politika tas-servizzi tal-Gvern elettroniku. Din hija l-aħjar implimentata permezz ta' liċenzja tal-F/OSS. Fuq kollo,

filwaqt li hemm ħafna iktar linji gwida oħra għall-użu ta' softwer bis-sors miftuħ fis-settur pubbliku, b'dawn il-linji gwida u l-EUPL, m'għandekx għalfejn tinkwieta jekk fhimtx jew le l-kwistjonijiet kollha rigward is-Sors Miftuħ b'mod ġenerali.

L-EUPL tfasslet b'mod spċifiku sabiex tiffaċilita l-użu mill-ġdid tas-softwer fis-settur pubbliku, tipproteġi l-investimenti li jsiru bis-saħħa tal-flus ta' dawk li jħallsu t-taxxi u sabiex tiċċara kwistjonijiet li jistgħu jafti jidher, bħala utent tas-softwer.



## **4.6 Id-deċiżjoni li tagħżel l-EUPL bħala liċenzja**

L-għażla ta' liċenzja għat-tqassim għandha ssir fi stadju bikri ħafna minħabba li tfisser id-drittijiet tal-iż-żviluppaturi li jikkontribwixx u minħabba id-diffiċċi li aktar tard tibdel l-għażla li tkun għamilt fil-bidu.

uffiċjali kollha tal-Unjoni Ewropea, firrigward tal-prinċipju tad-diversità lingwistika, kif inhu rrikonoxxut permezz tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.

Ġaladarrba l-konċedent tal-liċenzja jixtieq jevita kwalukwe “appropriazzjoni” esklussiva tas-softwer tiegħu min-naħa ta’ parti terza (din hija ġeneralment il-pożizzjoni tal-amministrazzjonijiet pubbliċi), l-għażla tal-EUPL hija rrakkommadata għal bosta raġunijiet:

- Għall-ewwel darba, korp pubbliku tad-daqs tal-Kummissjoni Ewropea uffiċjalment żviluppa u approva liċenzja tal-F/OSS għar-rilaxx tas-softwer tiegħu.
- L-EUPL hija valida legalment fil-lingwi

• L-EUPL kellha tqis l-ispeċifiċità u diversità tal-Liggi tal-Istati Membri u tal-Liġi tal-Komunità (it-terminoloġija tad-drittijiet tal-awtur, l-informazzjoni, il-garanzija, ir-responsabbiltà, il-liġi applikabbi u l-ġurisdizzjoni);

L-EUPL tiżgura li l-kwistjonijiet dwar il-ħeffa biex jitniżżlu l-programmi minn fuq l-Internet huma kompatibbli mal-liċenzji l-oħrajn l-iktar rilevanti (inkluż l-iktar waħda popolari, il-GPLv2).



## **4.7 Jeħtieġ li tirreferi għal-liċenzja fil-kodiċi tas-sors**

L-għażla tal-liċenzja għandha tkun stabbilita fejn qiegħed jiġi pprovdut is-softwer (eż. fuq il-websajt tas-softwer). M'hemmx għalfejn li tħalli l-kontenut attwali tal-liċenzja, l-isem u l-ħolqa għall-kontenut tal-liċenzja oriġinali għandhom jiżguraw li jkun hemm referenza aħjar għal sors wieħed.

B'dan il-mod, wieħed jgħarraf lill-pubbliku taħt liema liċenzja se jiġi rilaxxat is-softwer, imma mħuwiex bizzżejjed għall-finijiet legali. Għal din ir-raġuni, il-kodiċi tas-softwer innifsu għandu jirreferi għal-liċenzja jew jinkludi l-liċenzja stess. Il-mod standard kif tista' tagħmel dan hu billi tħalli t-test kollu tal-liċenzja f'fajl li jkun

jismu “COPYING” (jew “LICENCE”), u tniżżeł nota qasira fuq nett ta’ kull fajl tas-sors, fejn issemmi d-drittijiet tal-awtur, id-data, id-detentur u l-liċenzja, u b’hekk il-qarrej ikun mgħarraf

dwar fejn għandu jsib it-test sħiħ tal-liċenzja.

Eżempju ta’ “nota qasira” li għandha tinsab fis-softwer imqassam taħt l-EUPL huwa dan li ġej:

```
/*
 * Drittijiet tal-awtur 2007 L-ORGANIZZAZZJONI TIEGħEK4
 *
 * Liċenzjat taħt l-EUPL, Verżjoni 1.1 jew - dlonk malli
 * jiġu approvati mill-Kummissjoni Ewropea - sussegwentament
 * Verżjonijiet tal-EUPL (il-“Liċenzja”);
 * Ma tistax tuża dan ix-xogħol ħlief jekk ikun konformi
 * mal-
 * Liċenzja.
 * Tista' tikseb kopja tal-liċenzja minn fuq il-websajt:
 *
 * https://joinup.ec.europa.eu/software/page/eupl5
 *
 * Sakemm ma jkunx mitlub mod ieħor mil-liġi applikabbli jew
 * ikun sar qbil
 * bil-kitba, is-softwer li jkun imqassam taħt il-Liċenzja
 * jkun
 * imqassam fuq baži "AS IS",
 * MINGĦAJR GARANZIJI JEW KUNDIZZJONIJIET TA' KWALUNKWE TIP,
 * kemm
 * espressi jew implikati.
 * Ara l-Liċenzja biex tkun taf il-kliem speċifiku li
 * jintuża
 * għall-permessi u l-limiti skont il-liċenzja.
 *
 */
```

Fl-eżempju ta’ hawn fuq, l-awtur oriġinali jaċċetta verżjonijiet tal-EUPL li joħorġu iktar tard, li jistgħu jkunu ppubblikati mill-Kummissjoni Ewropea. It-tqassim “taħt l-EUPL” mingħajr indikazzjoni tan-numru tal-verżjoni jipproċi l-istess effett, madankollu dan ikun inqas espliċitu.

Għall-kuntrarju, jekk l-awtur oriġinali jrid jillimita l-aċċettazzjoni tiegħu għal verżjoni speċifika tal-EUPL (u sabiex jibqa’ ħieles jew le milli jadotta verżjonijiet ġodda iktar tard), għandu jagħti l-liċenzja kif ġej:

```
* Liċenzjat taħt l-EUPL, Verżjoni 1.1 biss (il-
 * "Liċenzja");
```

Billi wieħed jagħti l-liċenzja b'dak il-mod, kwalunkwe verżjoni li toħroġ iktar tard tal-EUPL mhijiex se

<sup>4</sup> Kwalunkwe snin, fil-bidu jew fl-aħħar, meta ġew ippubblikati l-modifiki, eż. “2005, 2007”

<sup>5</sup> B’mod speċjali fil-każ tal-EUPL, li għandha valur speċjali fil-lingwi kollha tal-Unjoni Ewropea, il-paġna għandha tiġi eżaminata (u preferibbilment għandha titpoġġa kopja tal-liċenzja fuq il-websajt tiegħek u tkun ikkommunikata meta jkun qed jitniżżeł il-programm sabiex tkun evitata modifika tal-URL li ma tkunx mistennija).



tkun applikabbli għax-xogħol jew għax-xogħlijiet li jkunu msejsa fuq xogħolijiet li saru digħà u li huma protetti bid-drittijiet tal-awtur, mingħajr ma jkun hemm qbil mal-awtur oriġinali. It-terminu “biss” huwa rrakkommendat minħabba li jagħmel il-kundizzjonijiet tal-għoti tal-liċenzji iktar espliċitu.



## 4.8 L-aħjar prattiki dwar “l-istabbiliment” ta’ kuntratt bl-EUPL

Bejn proprietarju ta’ proġett li jkun liċenzjat taħt l-EUPL (kap jew imprenditur) u l-partijiet interessati l-oħra kollha (li għalihom għandhom jaapplikaw it-termini tal-EUPL) jeħtieġ li jagħmlu kif ġej:

- Jgħarrfu direttament li s-softwer (jew il-komponenti spċċiċi) huma liċenzjati taħt l-EUPL. Dan għandu jsir fuq il-paġna tal-websajt tal-proġett, u fuq l-iktar paġna “magħrufa” li tagħmel referenza jew li tiddeskrivi l-proġett. Pereżempju, daħħal il-frażi prominenti “Liċenzjat taħt **l-EUPL**”.
- Jgħaqqu t-terminu EUPL ta’ hawn fuq mal-URL fejn il-kontenut tal-liċenzja jista’ jiġi kkonsultat u jitniżżejjel f'bosta lingwi.  
<http://ec.europa.eu/idabc/eupl>
- Jinkludu kopja tal-EUPL u kaxxa fejn wieħed jista’ jingassa ffl-programm li qed imexxi l-komunikazzjoni tas-softwer jew il-proċess tat-tniżżej. Għandkom tħallu lill-viżitatur iniżżejjel is-softwer imqassam minn bank tad-dejta. Il-programm għandu jipprovdi “*Jekk jogħġibok aqra sew il-*

*kundizzjonijiet tal-għoti tal-liċenzji taħt l-EUPL ta’ hawn taħt”, wara mmarka l-kaxxa “Naqbel” li tinsab taħt it-tieqa li turi l-kontenut kollu tal-liċenzja. Il-proċess tat-tniżżej għandu jkompli biss jekk il-kaxxa tkun immarkata.*

Għal dan il-għan, verzjoni .TXT tal-EUPL hija pprovdu fuq [www.osor.eu](http://www.osor.eu)

- Għas-softwer li jkun imqassam permezz ta’ mezzi fiżiċi (bħalma huma l-istikek tal-usb, CD-ROMs jew DVD-ROMs) huwa xorta waħda għaqli li tinkludi kopja tal-liċenzja EUPL stess. għandek tikkopja l-verżjoni TXT fuq il-fajl li jismu “Liċenzja”.

Barra minn dan, int tista’ (din mhix obbligatorja) tirreferi l-paġni tal-websajt tal-IDABC fejn jinsabu iktar spjegazzjonijiet u studji dwar l-EUPL:  
<http://ec.europa.eu/idabc/servlets/Docbe59.pdf?id=28128>.



## 4.9 Mhemmx bżonn tirregħsitra l-qbil tal-approvazzjoni tad-detentur tal-liċenzja

Il-liċenzja tapplika anki jekk int ma żżommrx registry tal-utenti li jaqblu mat-termini tal-liċenzja. Din hija funzjoni ta’ kif il-liġi tad-drittijiet tal-awtur tirrelata mas-softwer tiegħek.

Il-liċenzja tiproduci effett ġuridiku dlonk malli jintuża s-softwer (bil-kodiċi tas-softwer isemmi li huwa liċenzjat taħt it-termini tal-EUPL), u dan l-użu għandu jintwera bis-semplicei raġuni li jkun eżerċitat kwalunkwe dritt li jingħata bil-liċenzja, pereżempju billi jitferrex is-softwer f'diversi dipartimenti tal-organizzazzjoni tiegħek, fis-siti tal-konsumaturi (jekk int organizzazzjoni kummerċjali) jew fil-komputers tal-klijenti (jekk int organizzazzjoni tas-settur pubbliku) jew siti li jikkommunikaw mal-Internet, joħolqu jew iqassmu kopji jew xogħol imsejjes fuq xogħol li sar digħa u li hu protett bid-drittijiet tal-awtur.

Madankollu, jista’ jkun utli għalik li tirregħistra d-dettalji tal-kuntatt ta’ dawk li jniżżlu s-softwer tiegħek. Sabiex “ikunu jafu l-utenti tagħhom”, bosta banek tad-dejta jitkolu lill-viżitaturi tagħhom jirregħistrax b”ID” (isem) u jitkolu iktar d-dettalji (indirizz, numru tat-telefawn eċċċi) inkluż l-indirizz uniku tal-posta elettronika fejn tintbagħatilhom il-password. Dan, flimkien mar-reġistrazzjoni tal-indirizz tal-IP, jistgħu jipprovdulek informazzjoni ġenerali pertinenti qabel ma jsir xi tniżżejjel, madankollu l-affidabbiltà ta’ din l-“awtentikazzjoni” hija msejsa fuq l-ġhemmil u l-bonafeġe tal-parti l-oħra.

Għalkemm huwa utli li tkun taf lill-utenti tiegħek, dan il-ġbir ta’ informazzjoni mhuwiex meħtieġ sabiex ikunu stabiliti d-drittijiet u l-obblig tal-EUPL.

#### **4.10 Bank tad-dejta fejn il-kodiċi tas-sors għandu jkun disponibbli**

Naturalment, tista' tippubblika s-softwer tiegħek fuq il-websajt tiegħek stess. Madankollu, il-kodiċi tas-sors tas-softwer tiegħek għandu jkun idealment ippubblikat fbank tad-dejta li jipprovd modi faċli ta' kif wieħed juża softwer bis-sors miftuħ li qiegħed jiżviluppa. Dan għandu jnaqqas ukoll ir-rekwiżiti tal-medda tal-frekwenza.

#### **4.11 Kif u fejn se tikkommunika d-deċiżjoni tiegħek?**

Jekk tirrilaxxa s-softwer tiegħek ifisser li int trid li nies oħra jużawh. Dan jista' jseħħ biss jekk in-nies li huma interessati fis-softwer tiegħek ikunu jafu bih.

Għandek tħejji u xxerred l-informazzjoni dwar is-softwer tiegħek kemm jista' jkun – u tirrilaxxa l-informazzjoni taħt l-EUPL – lill-komunitajiet tal-utenti li jistgħu jkunu interessati fis-softwer tiegħek. Xi suġġerimenti dwar kif tagħmel dan jinkludu:

Kun af li l-pubblikazzjoni fil-“pjattaformi ta’ kollaborazzjoni” jew tal-banek tad-dejta speċjalizzati ta’ softwer bis-sors miftuħ ma tnaqqasx il-kontroll tiegħek fuq l-iżvilupp u l-modifikazzjoni tal-verżjoni uffiċjali tas-softwer tiegħek.

- ħejji nota mhux itwal minn paġna li tiddeskrivi l-funzjonalità tas-softwer tiegħek, l-udjenza ta’ utenti li jinsabu fil-mira, u l-fatt li hija rilaxxata taħt liċenzja tal-F/OSS (l-EUPL).
- Qassam din in-nota lill-komunitajiet ta’ interessa – għas-softwer tas-settur pubbliku Ewropew din tista' tinkludi, pereżempju l-Osservatorju u Bank tad-Dejta ta’ softwer bis-sors miftuħ imhejjji mill-IDABC ([www.OSOR.eu](http://www.OSOR.eu)), il-websajt ePractice.eu, il-websajt tal-amministrazzjoni tiegħek.
- ippubblika s-softwer fuq bank tad-dejta li normalment iżżuru l-komunità tiegħek ta' interessa.



## 5. L-iżvilupp jew l-integrazzjoni tas-softwer mal-liċenzja EUPL

### 5.1 Il-prinċipji tal-iżvilupp tal-F/OSS

Tista' tirrilaxxa kwalunkwe softwer li int għandek it-titolu tiegħu, (li tkun żviluppaġ int, l-impiegati tiegħek jew il-kuntratturi tiegħek skont il-każ), taħt l-EUPL.

Madankollu, jekk qed tfassal softwer mill-bidu bil-ħsieb li tirrilaxxah taħt l-EUPL, il-fatt li tuża l-prinċipji tal-iżvilupp tal-F/OSS jagħtki l-iktar vantaġġi. Dawn il-prinċipji jinkludu:

- Addotta disinn modulari, fejn il-komponenti “jikellmu” flimkien mingħajr ma jgerfxu l-kodiċi kollha tas-softwer.
- Aħdem f'ambjent kollaborattiv (li jipprovd sistema li tikkontrolla l-verżjoni u ġħodod oħra sabiex taħdem mill-bogħod u tmexxi l-komunità tal-iżviluppaturi tiegħek).
- Dokumentazzjoni standardizzata tal-programm u tal-moduli kollha.

- Tmxixja b'saħħitha u mmaniġġjar tal-proġett, li jkunu kompatibbli ma' attitudni li hija miftuħa għall-parteċipazzjoni minn barra u li jilqgħu l-ideat tal-oħrajn, filwaqt li jikkontrollaw il-proġett u jiffissaw direzzjoni.
- Interface effiċjenti tal-komunità (li tkun komunikatur tajjeb).

Il-Linji gwida għall-Amministrazzjonijiet Pubbliċi dwar l-Assoċjazzjoni mal-Komunitajiet b'Sors Miftuħ" miġbura mill-IDABC jipprovd iktar dettalji dwar kif jaħdmu l-komunitajiet b'Sors Miftuħ u kif jużaw il-prinċipji tal-iżvilupp tal-liċenzja għall-F/OSS:  
<http://ec.europa.eu/idabc/servlets/Doc?id=19295>



### 5.2 Kif l-EUPL tħallik tintegra u tgħaqqa is-softwer

Bħall-bqija tal-liċenzji għall-F/OSS, l-EUPL hija ddisinnjata sabiex tiżgura li s-softwer jista' jiġi estiż, immodifikat u użat mill-ġdid flimkien ma' softwer ieħor.

Ħafna drabi, soluzzjoni ta' softwer tiġi estiż billi jiġi integrat xi kodiċi tas-sors li digħi jaċċisti fil-kodiċi tas-sors tax-xogħol tiegħek, jew billi tgħaqqa xogħolok ma' komponenti tas-softwer eżistenti, li huma pprovduti lilek taħt il-liċenzji tagħhom. F'dawn il-każijiet il-proċess ta' integrazzjoni/it-tagħqid jiproduċi dak li nsejhlu “xogħol imsejjes fuq xogħol li sar digħi u li hu protett bid-drittijiet tal-awtur”. It-tqassim possibbli ta' xogħol imsejjes fuq xogħol li sar digħi u li hu protett bid-drittijiet tal-awtur jirrikjedi li l-komponenti kollha jkollhom il-liċenzji kompatibbli.

Bis-saħħha ta' klawżola waħda dwar il-

kompatibbiltà, l-EUPL timmira li tiffaċilita l-produzzjoni u t-tqassim tax-xogħlijet imsejsa fuq xogħlijet li saru digħi u li huma protetti bid-drittijiet tal-awtur. L-EUPL tagħmel dan bil-modi li ġejjin:

- Tiżgura li dawk kollha li jirċievu s-softwer għandhom aċċess għall-kodiċi tas-sors. Dan iħallhom jistudjaw kif jaħdem is-softwer.
- Tiżgura li dawk kollha li jirċievu s-softwer ikollhom id-dritt jagħmlu t-tibdiliet. Dan iħallhom jimmodifikaw, jestendu jew jerġgħu jużaw is-softwer mill-ġdid.
- Tiżgura li x-xogħol imsejjes fuq xogħol li sar digħi u li hu protett bid-drittijiet tal-awtur għandu jitqassam taħt l-istess liċenzja jew liċenzja kompatibbli. Din tiżgura li s-softwer li jirriżulta huwa disponibbli ukoll biex ikun studjat, modifikat u estiż iktar.



### **Għalfejn l-integrazzjoni hija utli - Għalfejn il-liċenzji jistgħu jillimitaw l-integrazzjoni**

Organizzazzjonijiet, b'mod partikolari amministrazzjonijiet pubbliċi, jofn fuq biljuni ta' ewro sabiex joħolqu softwer li huwa ħafna drabi duplikat. Il-fatt li softwer jintuża mill-ġdid, jiġu ffrankati ħafna flus, sforzi u ħin, u dan jista' jħalli r-riżorsi u r-riżultati jintużaw bejn l-organizzazzjonijiet, minflok ma dejjem jerġa' jibda l-proċess mill-ġdid biex ikun ivvintat is-softwer. Vantaggħi tal-liċenzji għall-F/OSS, bħalma hija l-EUPL, qiegħda tħalli s-softwer jiġi integrat u użat mill-ġdid.

### **5.4 Kwistjonijiet speċifiċi dwar l-EUPL**

L-EUPL għadha mhixiex użata ħafna. Għalhekk, tista' tkun diffiċċi sabiex issib il-komponenti eżistenti li huma liċenzjati taħt l-EUPL sabiex tgħaqqa qadhom mas-softwer tiegħek liċenzjat taħt l-EUPL.

Madankollu, is-softwer taħst bosta liċenzji għall-F/OSS jistgħu jingħaqdu mas-softwer liċenzjat taħt l-EUPL. Dan huwa l-każ fejn jidħlu l-komponenti kollha li huma liċenzjati taħt liċenzji li ma jipponux ristrezzjojnijiet dwar l-għoti tal-liċenzji fil-ġejjieni (il-liċenzji kollha

Il-liċenzji proprijetarji kollha jillimitaw is-softwer milli jiġi integrat u użat mill-ġdid, minħabba li l-kodiċi tas-sors mhuwiex disponibbli b'mod awtomatiku.

Xi liċenzji għall-F/OSS jillimitaw l-integrazzjoni billi jitkol lu l-użu tal-istess liċenzja f'xogħlijiet modifikati. Għal kuntrarju ta' dan, l-EUPL tħall li ssir integrazzjoni mas-softwer li jkun imqassam taħt bosta liċenzji tal-F/OSS li jintużaw ħafna (ara taqsima 5.5).



“permessivi”, bħal pereżempju il-MIT jew il-BSD). Saħansitra s-softwer imqassam taħt liċenzji komuni li jimponu xi restrizzjonijiet dwar jekk għandux isir iktar żvilupp jista' jingħaqad mal-EUPL bl-użu tal-klawżola dwar il-kompatibbiltà (ara t-taqsima 5.5).

Kun af li n-natura tal-EUPL bħala liċenzja appoġġata mis-settur pubbliku Ewropew għandha tiżgura li fil-ġejjieni qarib, ammont sinifikanti ta' softwer li jintuża fis-settur pubbliku huwa disponibbli taħt din il-liċenzja.

### **5.5 Kompatibbiltà ma' liċenzji oħra**

Ħafna liċenzji għall-F/OSS iħallu l-verżjonijiet modifikati tas-softwer oriġinali jkunu mqassma taħt liċenzja oħra, inkluż l-EUPL. Dan is-softwer jista' jingħaqad mas-softwer liċenzjat taħt l-EUPL, u x-xogħol li jirriżulta minnu jitqassam taħt l-EUPL.

Xi liċenzji użati b'mod intensiv, madankollu, jinsitu li x-xogħlijiet modifikati għandhom jitqassam taħt l-istess liċenzja. Normalment, l-EUPL topera fuq l-istess kunċett.

Madankollu, jekk tgħaqqa sostanzjalment is-softwer liċenzjat taħt l-EUPL mas-softwer imqassam taħt "liċenzja kompatibbli", l-EUPL iħall li s-softwer li jirriżulta jitqassam taħt liċenzja kompatibbli minflok ma jitqassam taħt l-EUPL stess.

Il-liċenzji kompatibbli bħalissa huma mfissra mill-EUPL bħala liċenzji li huma:

- GNU Liċenzja Pubblika Ġeneral (GNU GPL v.2)
- Liċenzja għas-Softwer Miftuħ (OSL) v. 2.1, v. 3.0
- Liċenzja Pubblika Komuni v. 1.0
- Liċenzja Pubblika Eclipse v. 1.0
- CeCILL v. 2.0



Din il-lista mhixiex se tiqsar (hekk jew hekk, kif xogħol imwaħħad jew magħquđ ikun liċenzjat b'mod validu taħt liċenzja kompatibbli, din ma tistax tiġi rrevokata), imma tista' titwal (eż. biex tinkludi verżjonijiet li għad iridu joħorġu ta' dawk il-liċenzji li ssemmew, jekk għad ikun hemm).


## 5.6 It-tagħqid ta' xogħliljet li jkollhom liċenzji differenti

Fl-istess soluzzjoni, tista' tuża diversi komponenti tas-softwer mqassma taħt il-liċenzji għall-F/OSS (inkluż l-EUPL) u użahom jew qassamhom flimkien (jigħifieri fl-istess pakkett, fuq l-istess CD-Rom). Din it-tip ta' integrazzjoni, fejn diversi komponenti jikkomunikaw flimkien sabiex jipprovdu funzjonalitajiet, ma twahhadx id-diversi kodiċijiet tas-sors. Għalhekk, kull softwer huwa użat u mqassam taħt it-termini tal-liċenzja tiegħu stess. F'dan il-każ, m'hemmx kwistjonijiet kompatibbli bejn il-liċenzji. Għal kuntrarju ta' dan, jekk is-softwer imwaħħad jestendi b'tali mod li jimmodifika jew jgħaqqa il-kodiċi tas-sors tagħhom, se tkun qed toħloq "xogħol imsejjes fuq xogħol li sar digħa u li hu protett bid-

drittijiet tal-awtur" li għalihom, għandha tiġi analizzata l-kompatibbiltà tal-liċenzji jekk ikun maħsub li dawn ix-xogħliljet jitqassmu.

Barra minn dan, tista' tiżviluppa softwer li juża qafas proprietarju (eż. Microsoft.Net jew Biztalk) u tirriłaxxha taħt l-EUPL, għall-istess raġunijiet li hemm eluf ta' programmi bis-Sors Miftuħ magħml sabiex jitħaddmu f'sistema tal-operat mhux ħielsa (eż. Microsoft Windows). F'dan il-każ, tista' tirriłaxxa taħt l-EUPL, il-kodiċi speċifiku li tkun ipproċeġejt, filwaqt li kwalunkwe libreriji proprietarji jew ambjenti ta' żvilupp li huma mitluba għandhom jintużaw, jinbiegħu mill-bejjiegħ u jitqassmu taħt it-termini tagħhom stess tal-għoti tal-liċenzji.

*Eżempju prattiku:*



Assumi li l-Kummissjoni Ewropea (pereżempju, tista' tqabbilha mas-sitwazzjoni tiegħek) qiegħda tqassam "Programm X" li huwa modulari u jinkludi 5 komponenti. Dawn il-komponenti mhumiex imwaħħdin f'fajl wieħed tal-kodiċi tas-sors, imma qiegħdin "jitkellmu" flimkien (billi

jagħmlu skambju tad-data jew tal-parametri).

**Komponent 1** huwa prodott mill-Kummissjoni Ewropea (miktub kollu mill-impiegati jew mill-kuntratturi tagħha). Għalhekk tista' tkun:

© Il-Komunità Ewropea  
Liċenzjata taħt l-EUPL

**Komponent 2** huwa prodott mill-Kummissjoni Ewropea, madankollu ma kienx miktub kollu mill-impiegati jew mill-kuntratturi tagħha: adattaw u żviluppaw softwer eżistenti li huwa liċenzjat taħt il-liċenzja permessiva għall-BSD. Is-sid tad-drittijiet tal-awtur tal-komponent BSD huwa E. Jones. Għalhekk il-komponent modifikat jista' jkun:

© Il-Komunità Ewropea  
© E. Jones (priżervazzjoni tal-marki oriġinali tad-drittijiet tal-awtur fejn il-kodiċi oriġinali huwa riprodott)  
Liċenzjata taħt l-EUPL

**Komponent 3** ma kienx modifikat, kien prodott minn ġertu Sur. R. Smith u liċenzjat taħt il-GPLv2. Din mhijiex u ma tistax tindidel:

© R. Smith  
Liċenzjata taħt l-EUPL

## 5.7 Impatt tal-klawżola dwar il-kompatibbiltà tal-EUPL dwar il-kundizzjonijiet tal-għoti tal-liċenzja ta' xogħol ieħor

L-EUPL tista' tintuża bħala “pont” biex jittrasforma l-kundizzjonijiet tal-għoti tal-liċenzji ta' xogħol ieħor, pereżempju jeqleb mill-GPLv2 għall-OSL, Eclipse, CeCILL jew Liċenzja Ġenerali Pubblika?

Qatt, ħlief jekk dan kien digħi jista' jsir permezz

**Komponent 4** kien liċenzjat taħt il-GPLv2. Ma kienx possibbli jew xieraq – għal raġunijiet tekniċi – li wieħed jevita li jwaħħad il-kodiċi tal-EUPL prodott mill-Kummissjoni Ewropea mal-kodiċi oriġinali tas-sors, miktub mis-Sur R. Smith. Minħabba li l-EUPL taċċetta l-GPLv2 bħala liċenzja kompatibbli, il-komponent ikun:

© R. Smith  
© Il-Komunità Ewropea (fejn il-kodiċi tal-EUPL huwa inkluż/imwaħħad)  
Liċenzjata taħt il-GPLv2

**Komponent 5** jinsab fl-istess sitwazzjoni tal-komponent 3: ma kienx modifikat, u se jibqa':

© Il-Fondazzjoni Apache  
Liċenzjata taħt l-Apache v. 2

Il-programm se jiġi pprovdut b'fajl read-me li jispjega (jew li jgħaqqa) għad-dokumentazzjoni xierqa u jagħtu liċenzji applikabbli.



tad-dispożizzonijiet tal-għoti tal-liċenzji tax-xogħol l-ieħor. Fil-każ ta' softwer liċenzjat taħt l-EUPL imwaħħad ma' softwer ieħor liċenzjat taħt liċenzja copyleft kompatibbli, il-liċenzja l-oħra għandha tintuża mingħjar ma tiġi modifikata.



## 6. Verżjonijiet ġodda tal-EUPL

Hemm īafna testi ta' referenza kuntrattwali u b'mod speċjali minħabba li fiha īafna verżjonijiet lingwistiċi, huwa inevitabbli li wieħed jadatta, skont il-każ, it-test tal-EUPL skont l-evoluzzjoni tal-prattika, tat-teknoloġija, tar-regoli obbligatorji jew tal-vokabbolarju.

Skont l-Artikolu 13 tal-EUPL, il-Kummissjoni Ewropea tista' tippubblika verżjonijiet ġodda tal-EUPL, safejn din tkun "meħtieġa u raġonevoli" u "ma tnaqqasx l-ambitu tad-drittijiet mogħtija permezz tal-liċenzja". Dan ifisser li:

Il-Kummissjoni Ewropea tista' taġġċorna l-liċenzja sabiex tindirizza kwistjonijiet legali u teknoloġiċi ġodda li jekk ma jsirx hekk il-liċenzja ma tkunx tista' tibqa' tiffunzjona kif maħsub.

Kwalunkwe verżjoni ġdida ma tibdilx il-karatteristiċi fundamentali tal-liċenzja, bħal ngħidu aħna l-libertajiet li tagħtik, l-eżenzjoni mir-responsabbiltà, jew il-karattru reċiproku ("copyleft") tagħha, jiġifieri li l-appropriazzjoni esklusiva tax-xogħol liċenzjat ma tkunx awtorizzata.

L-aktar kelma importanti f'dan il-paragrafu hija **raġonevoli**. Il-Kummissjoni Ewropea tista' tabilħaqq taġġċorna l-liċenzja, eż. sabiex tlaħħaq mal-problemi legali ġodda jew li ma jkunux magħrufa minn qabel li jekk ma jsirx hekk il-liċenzja ma tkunx tista' tibqa' tiffunzjona kif maħsub. Madankollu, kwalunkwe tibdiliet bħal dawn għandhom ikunu raġonevoli, jiġifieri l-karatteristiċi bażiċi tal-liċenzja ma jistgħux ikunu mbagħbsa, bħal ngħidu aħna l-libertajiet li tagħtik, l-eżenzjoni mir-responsabbiltà, jew il-karattru reċiproku (jew "copyleft") tagħha.

Kull verżjoni ġdida tal-Liċenzja tiġi ppublikata b'numru uniku tal-verżjoni.

Huwa importanti li tkun taf li l-verżjonijiet il-

ġodda jistgħu japplikaw għal softwer li huwa digħi liċenzjat li kieku jkunu liċenzjati mingħajr numru ta' verżjoni espliċitu, jew skont il-provvediment espliċitu li l-verżjonijiet li jiġu wara jistgħu japplikaw. Minħabba kif kien ġie fformulat l-Artikolu 13 fl-EUPL v.1.0 ("il-verżjoni l-ġdidha ssir torbot għalik dlonk meta ssir konxju tal-pubblikazzjoni tagħha") dan huwa l-każ ukoll għas-softwer li kien liċenzjat formalment taħt il-“EUPL v.1.0”. Ir-regoli jinbidlu għal verżjonijiet li għad iridu jiġu wara: Jekk l-awtur oriġinali formalment jagħti liċenzja taħt il-“EUPL v.1.1” din il-verżjoni speċifika se tibqa' tkun tista' tapplika (sakemm l-awtur oriġinali jiddeċiedi li jaġġċorna, skont il-każ).

Skont dispożizzjoni oħra tal-Artikolu 13 “Il-verżjonijiet kollha ta' din il-Liċenzja fil-lingwi differenti, approvati mill-Kummissjoni Ewropea, għandhom valur identiku. Il-Partijiet jistgħu jieħdu vantaġġ mill-verżjoni fil-lingwa tal-ġħażla tagħhom.”

Din id-dispożizzjoni (li llum hija mingħajr ekwivalenza fid-din ja) tipproteġi kemm lill-konċedent tal-liċenzja u kemm lid-detentur tal-liċenzja.

Verżjonijiet lingwistiċi ġodda, pereżempju jekk l-Unjoni Ewropea ssieħeb magħha Stat Membru wieħed ġdid jew tnejn, għad jkollhom l-istess valur wara li jkunu approvati u ppublikati mill-Kummissjoni Ewropea. Ukoll, il-Kummissjoni tista' tirranġa l-iż-żbalji formali sabiex tiżgura, skont kif ikun il-każ, li l-verżjonijiet lingwistiċi kollha tal-liċenzja huma ekwivalenti. F'dawn il-każijiet, in-numru tal-verżjoni ma jiġix modifikat.

Fl-aħħar, wieħed għandu jkun jaf li l-Kummissjoni Ewropea dejjem tista' tipprevedi l-estensjoni tal-lista ta' liċenzji kompatibbli provvulta fl-appendiċi għall-EUPL.



## 7. Konklużjonijiet

Fid-dinja kuljum, 1.5 miljun ruħ (żviluppaturi) qegħdin jikkollaboraw f'iktar minn 200 000 proġett ta' softwer b'Sors Ħieles/Miftuħ, li jipproduċu softwer li jintuża minn iktar minn biljun utent.

Maniġers minn kumpaniji kummerċjali magħrufin sew bħall-IBM, Microsoft, SUN, Bull, Oracle qegħdin jagħtu liċenzja għal xi softwer b'Sors Ħieles/Miftuħ u qegħdin jiżviluppaw parti min-negozju tagħhom u l-istratgeġja kummerċjali tagħhom f'dan ir-rigward. Anki bejjiegħha li jbiegħu softwer biss qegħdin jieħdu l-opportunità jkabbru l-bażi tal-utenti u l-iżviluppaturi tagħhom billi jqassmu materjal speċifiku tas-softwer Ħieles/Miftuħ.

L-amministrazzjonijiet pubbliċi, li jipproduċu kwantitajiet sostanzjali ta' softwer għall-Gvern elettroniku, baqgħu lura għalissa milli jqassmu dan is-softwer, jiġifieri qegħdin jippermettu amministraturi oħrajn, possibilment Stati Membri oħrajn, sabiex jagħmlu użu mill-ġdid minnu, itejbu u jadattaww skont il-ħtiġijiet tagħhom iktar milli jerġgħu jivvintawh mill-ġdid.

Il-liċenzja EUPL għandha titqies bħala għodda sabiex wieħed jiffaċilita li r-riżorsi jilħqu l-aqwa livell u t-tqassim. Għandha tqajjem kuxjenza li tikkonċerna l-opportunitajiet tat-tqassim ta' softwer b'Sors Miftuħ/Ħieles u tinkora ggħixxi lill-partijiet interessati kollha rilevanti sabiex isewgu l-eżempju mogħti mill-Kummissjoni Ewropea, li rrilaxxat s-softwer tagħha stess taħt I-EUPL.





<https://joinup.ec.europa.eu/software/page/eupl>